

- (6) Is-sitt motiv, ibbażat fuq il-kwalifika bħala għajnuna ġdida jew bħala għajnuna eżistenti.
- Argumenti insostenn tal-motiv: l-għajnuna inkwistjoni jmissha għet ikkwalfikata bħala għajnuna eżistenti, li diġà għet ikkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq komuni permezz ta' deċiżoni preċedenti tal-Kummissjoni.
- (7) Is-seba' motiv, ibbażat fuq il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq komuni.
- Argumenti insostenn tal-motiv: il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni li l-miżura inkwistjoni kkontribwiet sabiex jiġi ggarantit l-iżvilupp tal-impjiegi fit-tul fiż-żona kkonċernata.
- (8) It-tmien motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 2, 3, 5, 12 KE u fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipji ta' ugwaljanza u proporzjonalità fl-aġir tal-istituzzjonijiet Komunitarji.
- Argumenti insostenn tal-motiv: id-deċiżjoni kkontestata, illegalment, eliminat sistema ta' għajnuna intiża sabiex telimina sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni gravi eżistenti bejn l-impriji Taljani li jipproduċu metalli b'densità għolja, minn naħa, u dawk Ewropej, min-naħa l-oħra.
- (9) Id-disa' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 174 TFUE u tal-Anness D u fuq id-dikjarazzjoni Nru 30 fuq il-gżejjer reġjuni.
- Argumenti insostenn tal-motiv: il-Kummissjoni ma kkunsidratx l-iżbilanċ strutturali u tas-suq li jirriżulta mill-insularità.
- (10) L-għaxar motiv, ibbażat fuq ksur tar-regoli proċedurali [Artikolu 107(3)(a), (b) u (c) TFUE] u fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-"LINJI GWIDA fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat għal finijiet reġjonali 1998", kif ukoll fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-"LINJI GWIDA" 2007-2013.
- Argumenti insostenn tal-motiv: il-Kummissjoni ma ssodisfatx l-obbligu li tivverifika b'mod korrett il-kompatibbiltà tal-għajnuna.
- (11) Il-ħdax-il motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi.
- Argumenti insostenn tal-motiv: il-Kummissjoni la kkunsidrat li l-iskema li għet estiża lir-rikorrenti kienet diġà għet iddikjarata kompatibbli mas-suq komuni permezz ta' deċiżjoni preċedenti, u lanqas li, fir-rigward ta' tali skema, ma tqajjem ebda dubju matul il-ħmistax-il sena li kienu għaddew minn meta tiegħet din id-deċiżjoni, bir-relevanza konsegwenti ta' dawn l-aspetti għal dak li jirrigwarda l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti.

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339)

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ġunju 2011 — European Dynamics Luxembourg et vs UASI

(Kawża T-299/11)

(2011/C 232/64)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: European Dynamics Luxembourg SA (Ettelbrück, il-Lussemburgu), Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) u European Dynamics Belgium SA (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: N. Korogiannakis and M. Dermitzakis, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-UASI li tagħżel l-offerta magħmula mir-rikorrenti għas-sejħa għal offerti miftuħa Nru AO/021/10 għal "Provista ta' servizzi esterni li jikkonċernaw il-ġestjoni ta' programmi u proġetti kif ukoll pariri tekniċi fil-qasam tat-teknoloġija tal-informatika (PMTIC)" bħala t-tielet kuntrattur fis-sistema kaskata (cascade mechanism), kif innotifikata lir-rikorrenti permezz ta' ittra tat-28 ta' Marzu 2011, kif ukoll id-deċiżjonijiet kollha tal-UASI relatati mad-deċiżjoni ċitata iktar 'il fuq, inklużi dawk li jagħtu l-kuntratt lill-ewwel u lit-tieni kuntratturi fil-kaskata;
- tordna lill-UASI jħallas id-danni sostnuti mir-rikorrenti minħabba l-proċeduri tas-sejħa għal offerti inkwistjoni li jammontaw għal EUR 6 500 000;
- barra minn hekk, tordna lill-UASI jħallas id-danni sostnuti mir-rikorrenti minħabba t-telf ta' opportunità u d-danni għar-reputazzjoni u l-kredibbiltà tagħhom għall-ammont ta' EUR 650 000;
- tordna lill-UASI jħallas l-ispejjeż legali u spejjeż oħra tar-rikorrenti marbuta ma' dan ir-rikors, anki f'każ li dan ir-rikors jiġi miċħud.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

- (1) L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 100(2) tar-Regolament Nru 1605/2002 (¹). Ir-rikorrenti jsostnu b'mod partikolari il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni minħabba r-rifjut li tingħata ġustifikazzjoni suffiċjenti jew spjegazzjoni lir-rikorrenti u minħabba l-oġġezzjoni li tingħata informazzjoni dwar il-merti tal-offerenti magħżula.

- (2) It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għal offeriti billi matul l-evalwazzjoni ittehdhu inkunsiderazzjoni rekwiżiti li ma humiex insemija fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għal offeriti.
- (3) It-tielet motiv ibbażat fuq żbalji ta' evalwazzjoni manifesti u kummenti vagi u mhux sostanzjati tal-kumitat tal-evalwazzjoni.
- (4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq trattament diskriminatorju tal-offerenti, nuqqas ta' konformità mal-kriterji ta' esklużjoni tal-offerenti magħżula, ksur tal-Artikoli 93(1)(f); 94 u 96 tar-Regolament Nru 1605/2002 u tal-Artikolu 133(a) u 134(b) tar-Regolament Nru 2343/2002⁽²⁾ kif ukoll ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Skont ir-rikorrenti, it-tieni offerent magħżul kellu jiġi eskluż.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom), Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74).

⁽²⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jipprekrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 145).

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2011 — Italmobiliare vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-305/11)

(2011/C 232/65)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Italmobiliare SpA (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: M. Siragusa, F. Moretti, L. Nascimbene, G. Rizza u M. Piergiovanni, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla *in toto* jew parzjalment id-deċiżjoni kkontestata.
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tal-ispejjeż u d-drittijiet.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinwoka sitt motivi.

- (1) L-ewwel motiv jibbaża ruħu fuq l-identifikazzjoni żbaljata tal-persuna li hija d-destinatarja tad-deċiżjoni kkontestata, bi ksur tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament 1/2003, peress li din tal-aħħar ġiet indirizzata lil Italmobiliare, li hija sempliċement kumpannija holding, li ma kenitx detentriċi tal-kapital kollu, minflok lil Italcementi, li għandha r-rwol ta' holding operattiva fil-grupp ta' kumpanniji li qiegħda fih. Il-Kummissjoni kisret ukoll il-prinċipju ta' kontradittorju u l-

prinċipju ta' aspettattivi leġittimi, sa fejn tidentifika lir-rikorrenti bħala destinatarja tad-deċiżjoni kkontestata, meta hija kienet kompletament estranja għall-investigazzjonijiet li saru s'issa. Ir-rikorrenti tinwoka, fl-aħħar nett, il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, peress li Italmobiliare hija l-unika kumpannija li hija purament holding, involuta fil-kawża.

- (2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 18 (1) tar-Regolament 1/2003 billi l-Kummissjoni bdiet investigazzjoni formali u adottat att vinkolanti mingħajr ma kellha s-setgħa tagħmel dan.
- (3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. L-ewwel nett, il-mezzi użati ma humiex adattati biex jintlaħqu l-għanijiet imfittxa, billi l-Kummissjoni użat l-Artikolu 18 tar-Regolament 1/2003 fil-kuntest ta' stħarriġ mhux ibbażat fuq indizzji speċifiċi u b'għan indefinit, li ssib l-elementi ta' investigazzjoni li kellha tfittex permezz ta' inkjesta settorjali skont l-Artikolu 17 tar-Regolament 1/2003. Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata ma bbilancjatx adegwament bejn l-interess li tinvestiga u d-dannu lill-individwi kkonċernati, peress li l-Kummissjoni imponiet indebitament oneri fuq r-rikorrenti għas-sejbien, l-ikkatalogar u t-trażmissjoni ta' informazzjoni, li kienu sproorzjonati u mhux raġonevoli.
- (4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 296 TFUE. Il-Kummissjoni naqset milli tiddikjara fl-att ikkontestat, ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata l-għażla li jintuża l-istrument legali partikolari tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament 1/2003. L-att huwa wkoll invizzjat minħabba n-nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tas-suġġett u l-portata tal-inkjesta u l-ħtieġa tal-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet li għaddeja bħalissa. Il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi ksur proċedurali sostanzjali, skont l-Artikolu 263 TFUE u ksur tad-drittijiet ta' difiża tar-rikorrent.
- (5) Il-ħames motiv huwa bbażat fuq l-illegalità tad-deċiżjoni kkontestata billi kisret il-prinċipju ta' kontradittorju. It-terminu ta' ftit jiem mogħti mill-Kummissjoni biex tagħmel osservazzjonijiet dwar il-kwestjonarju anness mal-Komunikazzjoni tal-4 ta' Novembru kien manifestament mhux biżżejjed għall-eżerċizzju tad-dritt ta' smigħ. Barra minn hekk, il-komunikazzjoni tal-4 ta' Novembru għandha kontenut sa ċertu punt differenti mid-deċiżjoni kkontestata: Il-Kummissjoni għalhekk ostakolat lill-kumpannija milli tasserixxi l-argumenti tagħha fir-rigward tal-mistoqsijiet varji li wara ġew inkorporati fl-att finali. Barra minn hekk, l-osservazzjonijiet ġew injorati mill-Kummissjoni taħt diversi aspetti. Il-kontradittorju hekk stabbilit ġie konsegwentement imxejjen, bi preġudizzju għall-possibbiltà ta' difiża u għall-pożizzjoni tar-rikorrenti fil-kawża.
- (6) Is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li jikkonsisti fi (i) nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-kwestjonarji differenti mibgħuta minn żmien għal żmien, suġġetti għal rinumerazzjoni, riformulazzjoni, adattamenti metodoloġiċi u estensjonijiet, (ii) li ttawwal il-proċess istrutturju, lil hinn mil-limiti ta' raġonevolezza, kif ukoll (iii) il-mod ta' kif ġiet ġestita l-kawża mill-Kummissjoni.